# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru 2001.**

**Numru 31**

**Citaz. numru 855/92 DS**

Michael Fenech
vs
Sammy Meilaq ghan-nom u in rapprezentanza tal-Malta Drydocks, u b'digriet tat-2 ta' Frar 2001 thassru l-kliem "Sammy Meilaq ghan-nom u in rapprezentanza tal-"

Illum, 23 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fis-17 ta' Gunju 1992 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta:

Illi l-attur huwa mpjegat bhala skilled labourer mal-Malta Drydocks;

Illi f'incident li gara fis-6 ta' Awissu 1990 ghall-habta tad-9.12 a.m. fuq il-post tax-xoghol, cioe' fil-Malta Drydocks, fejn l-attur kien dettaljat biex jahdem mill-Korporazzjoni konvenuta, waqt il-hin tax-xoghol u matul il-qadi tad-doveri tieghu, l-attur sofra danni fuq il-persuna li b'konsegwenza taghhom tilef xoghol u sofra debilita permanenti kif indikat dettaljatament fl-annessi certifikati – Dokumenti "A", "B" u "C".

Illi ghall-istess incident u danni konsegwenzjali huwa responsabbli unikament il-konvenut nomine minhabba li naqas li jiehu dawk il-mizuri u dawk il-prekawzjonijiet necessarji li setghu evitaw l-incident in kwistjoni;

Illi l-istess konvenut nomine naqas ukoll milli jaghmel dawk ix-xogholijiet ta' manutenzjoni fuq l-apparat, li huma necessarji u intizi biex jigu evitati incidenti bhal dak in kwistjoni, u minhabba dan in-nuqqas ta' manutenzjoni, il-konvenut nomine ghandu wkoll jirrispondi unikament ghall-imsemmi incident.

Illi, ghalkemm interpellat biex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, il-konvenut nomine baqa inadempjenti u cahad kull responsabbilta;

talab lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi, li:

1. tiddikjara lill-konvenut nomine unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit, li gara fis-6 ta' Awissu 1990, waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna, u kwindi tiddikjara lill-konvenut nomine responsabbli wkoll ghall-istess danni;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-imsemmi incident, anke permezz ta' periti nominandi; u

3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur dik is-somma li tigi hekk likwidata bl-interessi kummercjali mid-data tan-notifika tal-prezenti citazzjoni sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Mejju 1992, kontra l-konvenut nomine minn issa ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-konvenut nomine ma jahti bl-ebda mod ghall-incident indikat mill-attur u konsegwentement ma huwa responsabbli ghal ebda danni konsegwenzjali li l-attur seta' sofra b'rizultat.

2. Illi bla pregudizzju ghas-sueccipit u irrispettivament mill-kwistjoni tar-responsabbilita' l-attur kien offert kumpens taht il-Personal Accident Policy vigenti fil-Malta Drydocks pero' dan irrifjutha, u ghalhekk il-konvenut nomine m'ghandux ibati spejjez f'dawn il-proceduri.

3. Illi inoltre l-kawza hija ntempestiva billi l-ispecjalista nkarigat mill-attur stess iccertifika illi ma jkunx f'qaghda li jiddetermina jekk kienx ser jibqa' danni permanenti qabel nofs is-sena 1993.

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat id-digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1992 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor George Hyzler bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz, u dan bl-assistenza tal-perit mediku Mr. Charles Grixti;

Rat id-digriet tas-7 ta' Lulju 1997 li permezz tieghu gie nominat l-Profs. Joseph Mifsud bhala perit tekniku;

Rat id-digriet tat-2 ta' Dicembru 1998 fejn ghall-imsemmi perit legali giet sostitwita l-Avukatessa Dottor Audrey Demicoli;

Rat id-digriet tat-12 ta' April 1999 fejn gie nominat Mr. Carmel Sciberras bhala perit mediku, kif ukoll id-digriet tad-29 ta' Frar 2000 fejn gie revokat id-digriet ta' l-1 ta' Dicembru 1992 in kwantu kien gie nominat Mr. Charles Grixti bhala perit mediku;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji debitament mahlufa;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident fuq il-post tax-xoghol li fih wegga' gravi l-attur Michael Fenech. Jirrizulta mill-provi li s-Sibt 4 ta' Awissu 1990, fuq struzzjonijiet moghtija minn Henry Saccasan, l-imghallem tal-*fitters*, beda z-zarmar ta' *crane* numru 281 sabiex jigi armat post iehor. Dakinhar tnizzel il-*jib* filwaqt li t-Tnejn ta' wara, 6 ta' Awissu 1990, kellu jitkompla x-xoghol. Fil-fatt dakinhar li sehh l-incident, cioe` fis-6 ta' Awissu 1990, l-attur flimkien ma' certu Charles Scicluna u zewg *fitters* telghu fil-kabina tal-*crane* sabiex izarmaw l-ghodda u l-*equipment* kollu u jnizzluh ma' l-art.

L-attur xehed li waqt li kienu fil-kabina u huwa kien qed inewwel il-*gear* liz-zewg *fitters* u dawn ta' l-ahhar kienu qed ighadduh lil Scicluna li kien fil-gallerija tal-kabina, f'daqqa wahda sema' hoss kbir u malli dawwar wiccu

lejn ix-xellug qala' daqqa kbira fuq il-*pelvic bone*. Huwa ma jafx ezattament x'gara izda qabel ma qala' d-daqqa kien qed ihares lejn id-*drum* ("hanzira") li fuqu jitkebbeb il-*wire* ("cable") tal-ganc.

Charles Scicluna xehed li dakinhar ta' l-incident waqt li kien inizzel wahda mill-istroppi, sema' hoss kbir qisu ci haga niezla bis-sahha, dawwar wiccu u ra l-mutur li kien fil-kabina jitqaccat mill-viti u jgtir ghal fuq saqajn l-attur.

Daniel sive Dennis Smith xehed li huwa jahdem bhala *fitter* u kien ma' l-attur u meta sehh l-incident kien hdejn l-attur fl-*engine room* tal-*crane*. Huwa kien faccata ta' l-attur li kien qed inewwillu xi *gear* biex ighaddieh lil Scicluna fil-gallerija. F'daqqa wahda sema' hoss kbir u ghadda l-mutur minn bejniethom. Il-mutur laqat lilu u lill-attur. Il-hoss gie min barra l-kabina u dak il-hin il-*crane* trieghed. Il-mutur li tqaccat ma ntmissx dakinhar.

Michael Mifsud kien ir-raba' persuna li tela' fil-*crane* dakinhar ta' l-incident biex jitkompla z-zarmar tieghu. Kull ma kien jaf  kien li kif kien se jidhol fil-kabina sema' hoss kbir minn barra l-*crane* u kif dahal ra lill-attur b'hafna demm hiereg.

B'konsegwenza ta' dan l-incident saret inkjesta magisterjali u fost l-esperti nominati kien hemm l-espert tekniku Joseph Zammit li fir-relazzjoni tieghu (esebita bhala Dok. JZ1 fis-seduta peritali tat-18 ta' April 1996)  qal li l-incident gara meta nqata' *steel wire rope* tal-*counter weight* u l-istess *counter weight*, meta nqata' l-*wire*, nizel bis-sahha. Il-*wire* kien imkebbeb mal-*gearbox* tal-*jib* u l-istess tisbita qacctet il-*gearbox* mill-*casting platform* taghha u l-mutur li jhaddimha tqaccat minn mal-*gearbox* u tar ghal distanza ta' madwar zewg metri ghal fuq il-*host drums* fejn kien qieghed l-attur li ntlaqat bl-imsemmi mutur. Huwa qal ukoll li l-*counter weight* kien thallas fuq l-i*steel wire rope* meta gie zarmat il-*jib* fl-4 ta' Awissu 1990.
L-espert tekniku nominat f'dawn il-proceduri, il-Prof. Joseph Mifsud, ma kkondividiex il-konkluzjoni ta' l-imsemmi perit tekniku Joseph Zammit. Huwa ndika li huwa fatt li wiehed mill- *cable wires* tal-*counterweight* inqata', izda sakemm ma jsir xejn, sew fuq il-*counterweight* kemm ukoll fuq il-mutur, *gear box*, ecc., il-*wire ropes* kellhom jifilhu t-toqol tieghu. Qal li jekk wiehed mill-*cable wires* inqata' l-ewwel kif ikkonkluda Joseph Zammit, il-*counterweight* kienet ixxaqleb lejn il-parti tal-*cable* l-iehor li ma nqatax u l-probabiliat` kienet li tiggamja fic-*channel guide* taghha hekk kif it-toqol jnizzilha 'l isfel. Il-possibilita` li l-*counterwieght* jinzel bis-sahha 'l isfel fuq *cable* wiehed hija wkoll difficli peress li l-*worm* tal-*gear train* ikun sfurzay li jdur bil-kontra ta' kif normalment jahdem. Ghalhekk huwa jeskludi l-possibilita` li wiehed mill-*cable wires* inqata' f'daqqa wahda minhabba t-toqol tal-*counterweight* ("static load") u jidher li xi haga grat fuq il-*counterwieght* u

l-mutur/*gear box* li ma hargitx cara mix-xhieda mressqa. Din setghet grat kemm is-Sibt 4 ta’ Awissu jew it-Tnejn 6 ta’ Awissu 1990.

Mhux kontestat li x-xoghol ta’ zarmar beda fl-4 ta’ Awissu 1990 u li dakinhar nqala’ l-*jib* tal-*crane* permezz ta’ *crane* iehor li garr it-toqol tieghu u b’hekk il-*counterweight luff ropes* setghu jigu zarmati. Il-*jib* tnizzel jistrieh fl-art mill-*crane* l-iehor wara li l-*luff ropes* inqalghu minn mal-*counterweight* li kienet ‘il fuq imdendla permezz tal-*counterweight ropes*. Skond il-perit tekniku, il-*counterweight* ma setghetx timxi ‘l isfle ghax it-toqol kien mizmum mill-*worm gear* u l-*brake* via l-*counterweight wire ropes*. Il-*counterweight* baqghet f’din il-pozizzjoni matul il-Hadd 5 ta’ Awissu meta ma sarx xoghol fuq il-*crane*.

Ix-xoghol li kellu jitkompla fis-6 ta’ Awissu kellu x’jaqsam mal-*counterweight* billi din titnizzel ma’ l-art wara li tkun giet slingjata mil-*labourers* u l-piz taghha jkun hadu *crane* iehor. Issa mix-xhieda gie stabbilit li l-*counterweight* nizel, li l-mutur u l-*gearbox* tkissru u li wiehed mill-*cables* tal-*counterweight* inqata’. F’dar-rigward il-perit tekniku jghid hekk:

“Parti mekkanika li tghaqqad il-mutur mal-*worm shaft* taql-*gear* tissejjah ‘Oldham Coupling’. Din il-*coupling* tibqa’ fil-pozizzjoni taghha permezz ta’ *bolts* li jorbtu l-*casing* tal-mutur mal-*casing* tal-*gearbox*.

Jekk ghal xi raguni din il-*coupling* titlef il-kuntatt kemm minn mal-mutur jew minn mal-*worm shaft*, dan ta’ l-ahhar jigi liberu u l-*gear train* ikun jista’ jdur bil-maqlub ta’ kif normalment jahdem. Hekk kif il-*counterweight* jibda jinzel ‘l isfel dan jigbed il-*cable wires* imwahhlin mieghu u dawn idawru l-*luffing barrels* (il-hanzira). Il-*cable wires* jistghu jinbarmu ghaliex ma jkunx hemm bilanc tal-forza bejn it-truf. Hekk kif il-*counterweight* jieqaf f’daqqa wahda, il-*cable wires* jigu stirati b’forza li tkun id-doppju tat-toqol tal-*counterweight*, jigifieri ghaxar (10) tunnellati (*impulsive load*). Il-barma fil-*cables* u l-gibda fuqhom jikkaguna l-qtugh ta’ wiehed mill-*cables*. Il-*cable* l-iehor li jkun imkebbeb mal-*luffing barrel* u li ma nqatax, jerfa’ l-*gearbox* minn mal-pjanci tal-qiegh tal-kabina. Il-mutur jixxaqleb lejn il-parti l-ohra, jitkisser u jigi mtajjar bl-enregija li tkun ghad fadal fis-sistema.”

L-espert tekniku ghalhekk ikkonkluda li fl-opinjoni tieghu “hemm probabilita` kbira li l-incident sehh bhala konsegwenza ta’ procedura hazina fix-xoghol attwat mill-haddiema li kienu fuq il-lant tax-xoghol nhar-it Tnejn 6 ta’ Awissu 1990. L-ewwel parti tax-xoghol kellu jkun li titnizzel il-*counterweight* billi t-toqol taghha jittiehed minn *crane* iehor bhal meta tnizzel il-*jib*.” Huwa fil-fatt irrefera wkoll ghar-rapport ta’ l-Ispettur John Rizzo li mar jinvestiga l-incident

u fejn hemm indikat li l-*counterweight* giet maqlugha mill-irbit taghha u wara sehh l-incident.

Fir-relazzjoni taghha l-perit legali ghamlet dawn l-osservazzjonijiet in materja:

"Il-Qrati taghna f'diversi okkazjonijiet irritenew li min jimpjega ghandu l-obbligu li jipprovdi "a safe place of work". Fil-kawza fl-ismijiet "John Sultana vs Francis Spiteri et noe deciza fit-28 ta' Mejju, 1979, il-Qorti tal-Kummerc spjegat illi min ihaddem ghandu "d-dover li jara li l-post tax-xoghol ikun dejjem fi stat ragonevoli ta' sikurezza ghal min ikun qed jahdem". L-obbligazzjonijiet principali ta' min ihaddem huma mhux biss li jipprovdi " safe tools" u "a safe system of work" imma xejn anqas minn "a safe place of work". Dan il-principju gie ribadit diversi drabi mill-Qrati taghna bhal per ezempju fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Grech vs Carmelo sive Charles Farrugia et nomine" (Appell 7 ta' Dicembru 1994). "Joseph Bugeja vs AnthonyFalzon" (P.A. 30 ta' April 1997), "Keith Caruana vs Joseph Paris et nomine" (P.A. 12 ta' Frar 1999), "Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited" (P.A. RCP 25 ta' Jannar 2000) u "Carmel Cini vs Carmel Caccopardo nomine" (P.A. NA 5 ta' Ottubru 1999)

Fil-kaz odjern jirrizulta li l-konvenut nomine provda "safe tools" fis-sens illi mir-relazzjoni tal-perit tekniku, ara para. 4.6 tar-relazzjoni tal-istess perit tekniku, jirrizulta li "il-crane gie ttestjat skond id-Dock Safety Regulations 19 fil-15 ta' Novembru 1990, jigifieri tlett xhur wara li gara l-incident fejn instab li kien konformi ghax-xoghol wara li saret it-tiswija mehtiega wara l-incident. Qabel l-incident il-"crane kien ittestjat fil-31 ta' Jannar 1989, jigifieri tmintax il-xahar qabel l-incident, fejn instab li kien konformi ghax-xoghol (Dok. RB1)"

Kif intqal aktar il-fuq, izda l-obbligu ta' min jimpjega m'huwiex biss li jipprovdi "safe tools", izda li jipprovdi wkoll "a safe system of work". Il-perit tekniku irritjena li l-incident de quo sehh bhala konsegwenza ta' procedura hazina fix-xoghol attwali mill-haddiema li kienu fuq il-post tax-xoghol nhar it-Tnejn, t ta' Awissu 1990, ghaliex l-ewwel parti tax-xoghol kellha tkun li titnizzel il-"counterweight" billi t-toqol taghha jittiehed minn "crane" iehor bhal meta tnizzel il-"Jib" is-Sibt ta' qabel. L-esponenti tirritjeni li l-procedura hazina attwata mill-haddiema kienet konsegwenza tan-nuqqas ta' supervizjoni li kellhom il-haddiema fil-hin meta gara l-incident u l-istruzzjonijiet inadegwati li gew moghtija lilhom mill-persuni li kienu fuqhom. Dawn tal-ahhar mhux biss ma kienux prezenti fuq il-post fejn kien qed isir ix-xoghol meta sehh l-incident, izda dawn l-istess nies naqsu milli jaghtu struzzjonijiet precizi dwar il-procedura li kellha tigi adoperata sabiex jitnizzel il-"counterweight". Dan jirrizulta ampjament mix-xhieda ta' Henry Saccasan fis-seduta tal-5 ta' Frar 1997, fejn in kontro-ezami spjega li l-istruzzjonijiet li jkunu nghataw ikunu biss

fis-sens li jinghad lill-haddiema izarmaw il-“crane” ghaliex is-sekwenza tax-xoghol jafuha sew u jiftehmu bejniethom”. Dan ix-xhud li fid-data tal-incident kien l-imghallem tal-“fitters” qal li huwa ma jafx kif gara l-incident ghaliex ma kienx fuq il-post meta sehh l-incident. Jirrizulta li l-anqas l-imghallem tas-“islingers” ma kien fuq il-post meta sehh l-incident. Henry Saccasan spjega wkoll li x-xoghol ta’ zarmar tal-“crane” isir skond l-istruzzjonijiet tal-“manual” izda dan il-“manual” ma jkunux rawh il-haddiema u Henry Saccasan, li kien il-“foreman”, jghid li dan il-“manual” ma jinzammx minnu, izda gieli rah.

L-esponenti tissottometti li l-obbligu ta’ min jimpjega li jipprovdi “a safe system of work” u “a safe place of work” jinkludi d-dover li dan jipprovdi supervizjoni adegwata tax-xoghol tal-haddiema u d-dover li jaghti struzzjonijiet specifici u adegwati specjalment f’xoghol li jinvolvi riskju u periklu bhal fil-kaz odjern. F’dan ir-rigward l-esponenti taghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tad-9 ta’ Settembru 1981, fil-kawza fl-ismijiet “Borg vs Wells et nomine” fejn il-Qorti qalet illi “in planning a safe system of work, the employer must take into account the fact that the workmen become careless in works involved in their daily work”, u dan tenut kont “tal-atmosfera tax-xoghol, id-diffikultajiet li jsib il-haddiem fil-kors tax-xoghol tieghu, il-hinijiet twal, l-ghaggla fix-xoghol, nuqqas ta’ ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu inkarigati biex jahdmu mieghu fuq ix-xoghol”. Dan il-principju gie wkoll ribadit f’sentenza tal-25 ta’ Jannar 2000, fil-kawza fl-ismijiet “Gordon Spiteri vs Waste Control Services Limited” (Citazzjoni Numru 1460/98 RCP).

Fid-dawl tal-premess, l-esponenti tirritjeni li s-socjeta’ konvenuta ghandha tinzamm responsabbli ghall-incident li sehh fis-6 ta’ Awissu 1990, u li fih korra serjament l-attur Michael Fenech u konsegwentement l-istess socjeta’ konvenuta ghandha titqies ukoll responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala rizultat ta’ dan l-incident.”

Ghar-rigward id-danni l-perit legali osservat li dwar *damnum emergens* l-attur ma ressaq l-ebda prova u ghalhekk m’hemm xejn x’jigi likwidat.

Dwar *lucrum cessans* jirrizulta li meta gara l-incident (is-sena 1990) l-attur kellu paga ta’ Lm3561.32,3 u li kellu 32 sena meta sehh l-incident. Hija adoperat *multiplier* ta’ hamsa u ghoxrin (25) sena ghal *working life expectancy*. Inoltre rrizulta mir-rapport tal-perit mediku li l-attur sofra debilita` permanenti ta’ hamsa u erbghin fil-mija (45%). Ghalhekk illikwidat d-danni kif gej:

Lm3561.32 x 25 x 45% = Lm40,064.85.

In vista tal-gurispudenza recenti mbaghad, in vista tal-fatt li ghaddew ghaxar snin minn meta sehh l-incident ma ghamlet l-ebda tnaqqis bhala *lump sum reduction*.

Ikkunsidrat illi:-

Dwar ir-responsabilita` ghall-incident din il-Qorti ftit ghandha x'izzid mal-konkluzjoni li waslet ghaliha l-perit legali. Jirrizulta li l-Korporazzjoni konvenuta ma haditx dawk il-prekawzjonijiet necessarji u sufficjenti biex dan l-incident jigi evitat. Huwa pacifiku u stabbilit fil-gurispudenza recenti tal-Qrati taghna l-grad superjuri ta' prekawzjoni li jrid jiehu min ihaddem biex jevita li jigu kkagunati incidenti fuq il-post tax-xoghol. Kieku l-Korporazzjoni konvenuta assigurat li jkun hemm is-supervizjoni adegwata u li jinghataw struzzjonijiet cari u inekwivoci dwar is-sistema li kellha tigi adoperata biex jigi zarmat il-*crane*, dan l-incident kien jigi evitat. Mix-xhieda jirrizulta biss li nghataw struzzjonijiet biex jigi zarmat il-*crane* ghax "il-haddiema xoghlhom jafuh". Izda x'prekawzjonijiet ittiehdu biex jigi assigurat li l-haddiema verament xoghlhom jafuh? Ma jirrizulta li ttiehdet l-ebda prekawzjoni. Inoltre, ghalkemm il-perit tekniku kkonkluda li l-probabilita` kbira hi li l-incident sehh bhala konsegwenza ta' procedura hazina fix-xoghol attwat mill-haddiema, ma tirrizulta l-ebda kontributorjeta` da parti ta' l-attur. Ghalhekk il-Korporazjoni konvenuta ghandha twiegeb ghad-danni li huwa sofra b'konsegwenza ta' dan l-incident.

Dwar id-danni l-Qorti tosserva li ma sarux sottomissjonijiet mill-partijiet f'dan ir-rigward u tikkunsidra li l-likwidazzjoni maghmula mill-perit legali hi gusta u timmerita li tigi akkolta.

Finalment tinnota wkoll li dwar it-tieni eccezzjoni tal-Korporazzjoni konvenuta, din ma gabet l-ebda prova li kien gie offert xi kumpens lill-attur u f'kull kaz, anke jekk stess offriet xi kumpens u l-attur hass li dak kien inadegwat kellu kull dritt li jirrikorri ghall-Qrati ta' pajjizna. Dwar it-tielet eccezzjoni taghha ma ressqet l-ebda prova li ghamlet xi tentattiv biex tirrievalwa l-kondizzjoni ta' l-attur fl-1993 u fi kwalunkwe kaz ma jistax jitqies li l-kawza hija intempestiva una volta l-Qorti stess innominat l-espert taghha biex jiddetermina jekk kienx hemm dizabilita` permanenti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, tichad l-eccezzjonijet tal-Korporazzjoni konvenuta, u ghalhekk:

(1) tiddikjara lill-Malta Drydocks unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni li gara fis-6 ta' Awissu 1990 waqt il-hin tax-xoghol, f'liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna li ghalihom l-istess Malta Drydocks hija responsabbli,
(2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident fl-ammont ta' Lm40,064.85, u
(3) tikkundanna lill-Malta Drydocks thallas lill-attur din is-somma ta' Lm40,064.85 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez kontra l-Malta Drydocks.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna

D/Registratur